**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-27 TA' SETTEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 10**

**Rik. Ġur. 1067/2022 RGM**

**BirdLife Malta [V.O. 0052]**

**vs.**

**Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża**

**Is-Segretarju Permanenti – Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża,**

**Il-Ministru għal Għawdex**

**Is-Segretarju Permanenti – Ministeru ta' Għawdex**

**Awtorità għar-Riżorsi u Ambjent**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

1. Rat li b'**rikors ġuramentat tal-10 ta' Novembru 2022 l-organizzazzjoni BirdLife Malta (minn issa 'l quddiem BirdLife**) fissret li fit-8 t'April 2022 ġie ppomulgat l-Avviż Legali 116 tal-2022 bl-isem Regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (dikjarazzjoni dwar deroga għal staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa tal-2022 għall-gamiem u s-summien) li fetaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa fuq il-gamiem bejn is-17 t'April u t-30 t'April 2022. Fissret li dan ir-Regolament sar in vjolazzjoni tad-Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (minn issa 'l quddiem id-Direttiva) li tipproteġi partikularment l-ispeċi *Streptopelia turtur* (gamiema) fil-Parti B tal-Anness II tagħha billi dik l-ispeċi ma tistax issir kaċċa fuqha fir-Rebbiegħa u tgħaddi sabiex tagħmel referenza għall-Aritkolu 7 tad-Direttiva. Ġie premess li d-Direttiva tinstab attwalment trasposta fl-ordni ġuridiku Malti bis-saħħa tar-regolamenti 5 u 9 tal-L.S. 549.42, Regolamenti Dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi; ippremettiet illi kawża ġudizzjarja għal stħarriġ ġudizzjarju tal-Avviż Legali 116 tal-2022 abbażi ta' inkomplatibilita mad-dispożizzjonijiet tal-L.S. 549.42 m'hijiex proponibbli għaliex iż-żewġ strumenti legali jinstabu fl-istess livell tal-ġerarkija tan-normi; fissret li minħabba dan qiegħed jiġi invokat l-effett dirett tad-Direttiva.

2. BirdLife żiedet tippreċiża li l-elementi materjali li jridu jissussistu sabiex tista' tiġi applikata deroga taħt l-Artikolu 9 (1) (ċ) tad-Direttiva għall-kaċċa fir-rebbiegħa huma b'mod kumulattiv:

   a. Li l-għasfur kaċċat irid ikun elenkat, *inter alia*, fl-Anness II tad-Direttiva;
   b. Li ma hemm ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti milli li tiġi applikata d-deroga;

c. Li l-kaċċa trid tikkostitwixxi dak li d-Direttiva issejjaħ użu b'mod għaqli (il-kriterju tal-*judicious use*);
d. Li l-kaċċa issir fuq bażi selettiva;
e. Li l-kaċċa tiġi sorveljata taħt kundizzjonijiet stretti; u
f. Li l-kaċċa ssir fuq numru żgħir ta' għasafar.

Ippremettiet li kull użu mill-konvenuti tad-deroga taħt l-Artikolu 9 (1) (ċ) tad-Direttiva hija illegali. BirdLife għaddiet sabiex għamlet referenza għal rapport li sar fi Frar tal-2022 mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi sabiex tfisser il-vulnerabilità tal-ispeċi tal-gamiem fl-Ewropa inkluż għalhekk f'Malta. Għamlet referenza wkoll għal rapport li sar mill-*EU Task Force on the Recovery of Birds* (grupp t'esperti nominati mill-Kummissjoni Ewropea) u ppreżentat waqt laqgħa tat-18 ta' Marzu 2022 fejn ingħad li tenut kont tal-istatus attwali tal-gamiem għandu jiġi addottat *a zero harvest stance* kemm matul ir-Rebbiegħa kif ukoll fil-Ħarifa tas-sena 2022. Tgħid li nonostante dan, fil-25 ta' Marzu 2022 il-Ministru tal-Ambjent, flimkien mal-Ministru t'Għawdex abbużivament abroga l-*moratorium* fuq il-kaċċa tal-gamiem fir-rebbiegħa in vjolazzjoni totali tal-obbligi tagħhom taħt id-dritt Ewropew li jipproteġu l-ispeċi waqt li din qiegħda tbati minn status vulnerabbli u dan wara li b'Avviż 538 tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta tas-27 ta' Mejju 2016 kien instawra l-*moratorium* preċiżament sabiex Malta tonora l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. BirdLife tikkontendi li mill-1 t'Ottubru 2015 sal-lum il-ġurnata ma kien hemm ebda bdil fiċ-ċirkostanzi li jimmerita l-abrogazzjoni tal-*moratorium* u l-applikazzjoni ta' deroga għall-kaċċa fir-rebbiegħa peress li l-istatus internazzjonali tal-gamiema ma nbidel xejn. Tispjega li waqt laqgħa tal-5 u s-6 t'April 2022 tan-*Nature Directives Sub-Expert Group (NADEG)* ir-rappreżentant Malti fi ħdan dan il-grupp żamm mistur id-deċiżjoni li kienet ittieħdet tlett ġimgħat qabel u ċioe l-ftuħ tal-kaċċa fir-rebbiegħa. BirdLife tilmenta wkoll li l-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fuq il-gamiem jikser il-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, senjatament l-prinċipju ta' prekawzjoni, liema prinċipju jinstab ukoll fil-liġi Maltija

senjatament ir-raba' paragrafu tal-Anness I tal-L.S. 549.57, ir-Regolamenti dwar qafas biex tiġi permessa deroga li tiftaħ l-istaġun għall-kaċċa tal-gamiem u s-summien fir-Rebbeigħa. Spjegat li l-*Guide to Sustainable hunting under the Birds Directive (2008)* tal-Kummissjoni Ewropea ingħad li "*hunting cannot by definition be sustainable unless it forms part of a properly running management plan that also involves habitat conservation and other measures that will slow and ultimately reverse the decline*." Tgħid li huma l-konvenuti li għandhom juru li addottaw *a properly running management plan*. L-attriċi tattakka wkoll in-nuqqas ta' osservazzjoni tal-elementi formali tad-deroga kontenuta fl-Avviż Legali 116 tal-2022 u dan stante li ma jagħti ebda spjegazzjoni kif l-elementi materjali tal-Artikolu 9 (1) (ċ) tad-Direttiva ġew sodisfatti għas-sena 2022. In segwietu għal dak premess l-attriċi talbet lill-Qorti:

***"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi bil-promulgazzjoni tal-Avviz Legali 116 tal-2022, imsejjah Regolament dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi (dikjarazzjoni dwar deroga ghal stagun tal-kacca fir-rebbiegha tal-2022 ghall-gamiem u s-summien) l-intimati, jew min minnhom, kissru l-obbligu taghhom taht l-Artikolu 7 (4), tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi, safejn dak l-Avviz Legali jiftah l-istagun tal-kacca fir-rebbiegha fuq l-ispeci Streptopelia turtur (gamiema) ghas-sena 2022, stante li dak l-Avviz Legali ma jissodisfax il-kriterji ghal deroga misjuba fl-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva;***

***2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Avviz Legali 116 tal-2022, safejn jiftah l-istagun tal-kacca fir-rebbiegha tas-sena 2022 fuq l-iStreptopelia turtur huwa illegali ghaliex inkompatibbli mal-ligi tal-Unjoni Ewropea, ossia d-Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009***

***dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi, kif ukoll il-principju generali tad-dritt Ewropew imsejjah principju ta' prekawzjoni;***

***3. Thassar bhala null l-Avviz Legali 116 tal-2022 safejn huwa jirrigwarda l-ftuh tal-kacca fir-rebbiegha fuq il-gamiem;***

***4. Tordna lill-intimati jew min minnhom, ma jifthux l-istagun tal-kacca fir-rebbiegha fuq l-ispeci Streptopelia turtur abbzai tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi, sakemm l-istatus ta' konservazzjoni tal-istess speċi tibqa fi stat 'mhux favorevoli (unfavourable)', kif fil-fatt hu;***

***Bl-ispejjez inkluz dak tal-protest gudizzjarju tas-6 ta' Settembru 2022."***

3. Rat ir-**risposta ġuramentata** tal-**Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, tal-Ministru għal Għawdex, tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru ta' Għawdex u tal-Avukat tal-Istat** ippreżentata fl-**14 ta' Diċembru 2022** b'mod partikolari l-**ewwel tlett eċċezzjonijiet** li jaqraw hekk:

"1. Illi preliminarjament, l-iskop tar-rikors ġuramentat li wassal għal dawn il-proċeduri qiegħed jindirizza l-parti tal-Avviż Legali 116 tal-2022 li tiftaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem, liema staġun ingħalaq fit-30 t'April 2022. Fiċ-ċirkostanzi, it-talbiet kollha f'dawn il-proċeduri huma nulli stante illi huwa nieqes għal kollox l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex ikunu proposti l-proċeduri odjerni, liema interess ġuridiku ma jistax ikun wieħed astratt, ipotetiku jew akkademiku;

2. Illi preliminarjament ukoll, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u l-Ministru għal Għawdex għandhom ikunu meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju ai termini tal-Artikolu 17 (8) tal-Kapitolu 595 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi *in limine litis*, jingħad ukoll li s-soċjetà rikorrenti m'għandhiex raġun targumenta illi ma jeżistix rimedju għaliha fil-liġi billi l-Avviż Legali 116 tal-2022 ([...], Liġi Sussidjarja 549.148) huwa "fl-istess livell tal-ġerarkija tan-normi" tal-Liġi Sussidjarja 549.42 (ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi). Dan qed jingħad stante illi ma hemm ebda ġerarkija fil-liġijiet ta' Malta u dan huwa ċar mit-tifsira ta' "liġi" fl-Att dwar l-Interpratazzjoni (Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta), liema tifsira ma tagħmel ebda distinzjoni bejn liġijiet sussidjarji u Atti tal-Parlament. Magħdud ma' dan, iż-żewġ Liġijiet Sussidjarji li jagħmlu referenza għalihom l-esponenti f'din l-eċċezzjoni ġew promulgati skont il-liġi u għaldaqstant l-artikolu 32 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għal dawn il-proċeduri;"

4. Rat ir-**risposta ġuramentata tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorzi (minn issa 'l quddiem l-Awtorità) ppreżentata fid-19 ta' Diċembru 2022.**

5. Rat li waqt l-ewwel seduta miżmuma fit-18 ta' Jannar 2023 il-Qorti ddekretat sabiex f'dan l-istadju jiġu trattati u deċiżi l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjoni fir-risposta ġuramentata tal-14 ta' Diċembru 2022.

6. Rat li mal-atti ta' din il-kawża ġew allegati l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 542/2023 degretat fis-17 t'April 2023.

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ħlief l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, ippreżentata fit-28 ta' Frar 2023[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ta' BirdLife Malta ippreżentata fil-5 ta' Ġunju 2023[2].

8. Fis-seduta tat-22 ta' Ġunju, 2023 semgħat it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet limitatament dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet imsemmija u ħalliet il-kawża għas-sentenza fuq l-istess.

Ikkunsidrat;

9. Bis-saħħa tal-Avviż Legali 116 tal-2022 (L.S. 549.148 Ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2022 għall-Gamiem u s-Summien), il-Ministri konvenuti għamlu r-regolamenti hemm kontenuti li jinkludu il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa għall-gamiem fir-rebbiegħa għas-sena 2022, mis-17 ta' April u sat-30 ta' April, 2022 f'nofsinhar.

10. Bis-saħħa ta' din l-azzjoni BirdLife tillamenta li l-imsemmi Avviż Legali imur kontra dak li jingħad fl-Artikolu 7 (4) tad-Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi safejn dak l-Avviż Legali jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fuq l-ispeċi tal-gamiem għas-sena 2022 u dan stante li l-istess ma jissodisfax il-kriterji għad-deroga misjuba fl-Artikolu 9 tal-imsemmi Direttiva u għalhekk titlob fost oħrajn jiġi dikjarat li l-Avviż Legali 116 tal-2022 huwa illegali għaliex inkompatibbli mal-liġi Ewropea kif ukoll imur kontra l-prinċipju ta' prekawzjoni.

---

[1] Fol 965 et seq tal-proċess.

[2] Fol 986 et seq tal-proċess.

11. Min-naħa tagħhom il-konvenuti jirribattu b'numru ta' eċċezzjonijiet fosthom dawk ta' natura preliminari. Din is-sentenza hija limita għall-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, il-Ministru għal Għawdex, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru ta' Għawdex u l-Avukat tal-Istat.

Ikkunsidrat;

**L-ewwel eċċezzjoni – karenza tal-interess ġuridiku**

12. Il-konvenuti (salv l-Awtorità) eċċepew in linea preliminari li hemm nieqes l-interess ġuridiku fl-attriċi u dan għaliex l-interess ġuridiku ma jistax ikun wieħed astratt, ipotetiku jew akkademiku. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom il-konvenuti fissru "*li l-mertu ta' dawn il-proċeduri huwa eżawrit u dan qiegħed jingħad billi minn qari tal-ewwel tlett talbiet tar-rikorrenti jirriżulta illi l-kawża tolqot l-Avviż Legali 116 tal-2022 sa fejn fetaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2022.*"[3] Spjegaw li l-istaġun tal-kaċċa għall-gamiem fir-rebbiegħa tal-2022 fetaħ fis-17 t'April 2022 u ingħalaq fit-30 t'April 2022 f'nofsinhar. Għaddew sabiex ikwotaw fit-tul mis-sentenza **Pierre Darmanin vs. Kontrollur tad-Dwana** tas-26 t'Ottubru 2022 mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri). Jissottomettu li llum il-ġurnata l-istaġun tal-kaċċa huwa magħluq u ebda dikjarazzjoni dwar id-dritt Ewropew mhu ser ibiddel dan il-fatt. Fissru li l-attriċi bir-raba' talba qiegħda tistieden lil din il-Qorti tidħol fiż-żarbun tal-eżekuttiv u tiddeċiedi hi meta għandha tiġi applikata deroga li l-applikazzjoni tagħha tispetta esklussivament lill-eżekuttiv.

13. Min-naħa tagħha l-attriċi tispjega li l-għan tal-kawża hu dak li jiġi mistħarreġ il-legalita u l-korrettezza tal-aġir tal-konvenuti meta promulgaw l-Avviż Legali 116 tal-

[3] Fol 966 tal-proċess.

2022. Fissret li l-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa tal-gamiem fir-rebbiegħa bi ksur tad-Direttiva isir kull sena. Issottomettiet li *"l-kawza odjerna saret b'referenza mal-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa tas-sena 2022, għax dakinhar kienu ġew fis-seħħ iċ-ċirkostanzi li minnhom qed tilmenta l-għaqda esponenti"*[4]. BirdLife għamlet referenza wkoll għal dak li jipprovdi l-Artikolu 9 (3) tal-Konvenzjoni Aarhus (Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-Informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-teħid ta' Deċiżjonijiet u Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali), liema artikolu jippermetti li membri tal-pubbliku għandhom aċċess għall-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji sabiex ikunu jistgħu jikkontestaw atti jew ommissjonijiet ta' individwi privati u awtoritajiet pubbliċi li jiksru d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali rigward l-ambjent.

14. Il-ġurisprudenza nostrana fir-rigward tal-interess ġuridiku hija waħda kostanti u diversi kienu dawk is-sentenzi li rreferrew għall-elementi li jeħtieġ jiġu sodisfatti sabiex jiġi stabbilit li l-parti li tipproponi l-azzjoni għandha interess ġuridiku meħtieġ.

15. Fis-sentenza **John Muscat et vs. Rachelle Buttigieg et** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Marzu 1990 ingħad illi:

> "L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur, hlief l-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."

---

[4] Fol 992 tal-proċess.

16. L-elementi tal-interess ġuridiku komplew jiġu elaborati fis-sentenza fl-ismijiet **Emilio Persiano vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalità tiegħu bħala Uffiċċjali Prinċipali tal-Immigrazzjoni** mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Jannar 2001 fejn ġie ritenut:

> "Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess tal-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-esistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara, per ezempju, Qorti tal-Appell fil-kawza fl- ismijiet <u>Falzon Sant Manduca vs Weale</u>, maqtugha fid-**9 ta' Jannar, 1959**, Kollezz: Vol: **XLIII.i.1**];
>
> Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il- motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jesisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-**13 ta' Marzu, 1992**, fil-kawza fl-ismijiet <u>Francis Tonna vs Vincent Grixti</u>, Kollez. Volum**: LXXVI.iii.592**]".

17. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawza **Gordon Mizzi et vs. Dr John C. Grech et** (App Ċiv 921/2002) deċiża fid-29 ta' April 2008 spjegat li:

> "domanda diretta ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni hija ammessa fil-gurisprudenza taghna, basta li l-Qorti tkun sodisfatta li d-domanda in kwistjoni ma tkunx biss domanda ghal dikjarazzjoni merament akkademika, imma li tkun intenzjonata u tista' effettivament tigi segwita b'domanda ohra li tkun esegwibbli. Konsegwenza logika ta' dan hija li meta attur jipprezenta kawza li fiha jitlob merament dikjarazzjoni, huwa necessarju li huwa jizvela lill-Qorti liema

huma dawk ir-rimedji li huwa jista' potenzjalment jirrikorri ghalihom, kemm-il darba l-ezitu tal-kawza dikjaratorja ikun favorevoli ghalih, u dan sabiex jissodisfa lill-Qorti li d-dikjarazzjoni li hu qieghed jitlob mhix wahda merament akkademika."

18. Wieħed isib ukoll id-deċiżjoni fl-ismijiet **Nike Ventures Limited et vs. John Patrick Hayman et** (Ċit Nru 378/2009 JZM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Settembru 2014 fejn b'referenza għal deċiżjonijiet oħra rrimarkat li

"[...] rekwizit imprexxindibbli ta` kull azzjoni huwa l-interess f`min jipproponiha; u dan l-interess ma ghandux ikun ipotetiku imma hemm bzonn li jkun konkret u sussistenti di fronti ghal dak li jigi maghzul mill-attur bhala kontradittur legittimu ("**Balluci vs Vella Gera**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 12 ta` Marzu 1946 ; "**Zammit vs Formosa et**" – Qorti tal-Appell – 11 ta` Gunju 1948 ; "**Zammit Psaila et vs Ellul**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 23 ta` Jannar 1956).

"Il-Qorti tirrimarka li l-interess tal-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz tal-azzjoni jista` jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utili. L-attur irid juri illi ghall-esercizzju tad-dritt tieghu ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti ("**Bartoli pro et noe vs Zammit Tabone et**" – Qorti tal-appell – 24 ta` Marzu 1961). L-interess huwa l-mizura ta` l-azzjoni. Dan l-interess ghandu karattru personali jigifieri illi l-vjolazzjonijiet biss ghad-drittijiet li jappartjenu lill-atturi jawtorizzawh li jezercita l-azzjoni. U dan l-interess, ikun x`ikun, morali jew pekunarju, irid ikun dejjem guridiku, jigifieri, korrispondenti ghal-lezjoni tal-veru dritt ; u jrid ikun dirett jew derivanti minn kawza korrelattiva mal-persuna li tagixxi, kif ukoll irid ikun legittimu u attwali. Ir-rekwizit ta` l-interess huwa ndispensabbli ghall-proponibilita` ta` domandi fi kwalunkwe sede kontenzjuza ; huwa l-bazi tal-azzjoni u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal

min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi pretiza ("**Camilleri et vs Sammut et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 7 ta` Jannar 1953).

19. Hekk delinejati l-prinċipji ewlenien rigwardanti l-interess ġuridiku, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplikahom għall-każ odjern.

20. Filwaqt li l-konvenuti imsemmija ibbażaw l-interpretazzjoni tagħhom għad-definizzjoni tradizzjonali ta' x'jikkostitwixxi 'interess ġuridiku', l-attriċi tagħmel referenza għall-**Artikolu 9 (3) tal-Konvenzjoni Aarhus (Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-Informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-teħid ta' Deċiżjonijiet u Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali)** li jipprovdi s-segwenti:

> "In addition and without prejudice to the review procedures referred to in paragraphs 1 and 2 above, each Party shall ensure that, where they meet the criteria, if any, laid down in its national law, members of the public have access to administrative or judicial procedures to challenge acts and omissions by private persons and public authorities which contravene provisions of its national law relating to the environment."

Ma dan il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal dak li jingħad fost l-oħrajn fl-**Artikolu 9 (2**) b'referenza għal min għandu interess ġuridiku:

> "What constitutes a sufficient interest and impairment of a right shall be determined in accordance with the requirements of national law and consistently with the objective of giving the public concerned wide access to justice within the scope of this Convention. To this end, the interest of any non-governmental organization meeting the requirements referred to in article 2,

paragraph 5[5], shall be deemed sufficient for the purpose of subparagraph (a) above. Such organizations shall also be deemed to have rights capable of being impaired for the purpose of subparagraph (b) above."

21. Din il-Konvenzjoni ġiet iffirmata minn Malta fit-18 ta' Diċembru 1998 u ratifikata fit-23 t'April 2002[6]. L-imsemmija Konvenzjoni ta' Aarhus ġiet ukoll promulgata mill-Unjoni Europea bid-**Direttivi 85/337/EEC u 96/61/EC kif emendanti bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Palament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003** li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent. Nonostante li din id-direttiva ġiet trasposta fl-ordinament ġuridiku tagħna bl-**Avviż Legali 74 tas-sena 2006 ċioe Leġislazzjoni Sussidjarja 549.41 Regolamenti tal-2006 dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi,** din il-Qorti tinnota, għar-raġunijiet mogħtija hawn taħt, li din il-Leġislazzjoni Sussidjarja ma timplimentax għal kollox id-Direttiva hawn fuq imsemmija però huwa ben saput li Direttiva tista' tingħata effett dirett mill-qrati nostrana jekk jiġu sodisfatti numru ta' kriterji.

**22. Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.41 effettivament hija maħsuba biex tagħti drittijiet lill- "pubbliku" f'materja ta' ħarsien tal-ambjent. "Pubbliku" f'din il-leġislazzjoni huwa mfisser hekk: "il-pubbliku" tfisser persuna naturali jew ġuridika waħda jew aktar u, skond il-leġislazzjoni jew il-prattika nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi tagħhom."**

23. Il-poteri mogħtija lill-pubbliku ġew elenkati fir-**regolament 3** li jaqra kif ġej:

---

[5] *""The public concerned" means the public affected or likely to be affected by, or having an interest in, the environmental decision-making,- for the purposes of this definition, non-governmental organizations promoting environmental protection and meeting any requirements under national law shall be deemed to have an interest*."

[6] https://treaties.un.org/Pages/ViewDetails.aspx?src=IND&mtdsg_no=XXVII-13&chapter=27

“(1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipa fil-preparazzjoni u l-modifika jew reviżjoni tal-pjanijiet jew il-programmi li jinħtieġ li jitħejjew taħt id-disposizzjonijiet elenkati fl-Iskeda.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura illi:

(a) il-pubbliku jiġi informat, sew b’avviżi pubbliċi jew b’mezzi xierqa oħra bħall-medja elettroniċi meta dawn ikunu disponibbli, dwar kull proposta għal pjanijiet jew programmi bħal dawk jew għall-modifika jew reviżjoni tagħhom u dik l-informazzjoni rilevanti dwar proposti bħal dawk tkun disponibbli għall-pubbliku inkluża fost l-oħrajn informazzjoni dwar il-dritt ta’ parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet u dwar dik l-awtorità kompetenti li lilha għandhom isiru kummenti jew mistoqsijiet;
(b) il-pubbliku jkun intitolat jesprimi kummenti u opinjonijiet meta l-għażliet kollha jkunu miftuħa qabel ma jittieħdu deċżjonijiet fuq il-pjanijiet u l-programmi;
(ċ) fit-teħid ta’ dawk id-deċiżjonijiet, għandha tingħata l-konsiderazzjoni dovuta lir-riżultati tal-parteċipazzjoni pubblika;
(d) wara li tkun eżaminat il-kummenti u l-opinjonijiet espressi mill-pubbliku, li l-awtorità kompetenti għandha twettaq sforzi raġonevoli biex tinforma lill-pubbliku bid-dċiżjonijiet meħuda u r-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet li fuqhom ikunu bażati dawk id-deċiżjonijiet, inkluża informazzjoni dwar il-proċess ta’ parteċipazzjoni pubblika.”

24. Id-disposizzjonijiet elenkati fl-Iskeda msemmija fir-regolament sukwotat huma dawn:

“(a) Ir-regolament 7(1) tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

(b) Ir-regolament 7 tar-Regolamenti dwar Immaniġġar tal-Iskart (Batteriji u Akkumulaturi).

(ċ) Ir-regolament 4(4) tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Ilma mit-Tniġġis kaġunat b'Nitrati ġejjin mill-Biedja.

(d) Ir-regolament 4(3) tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

(e) Ir-regolament 10(1)(b) tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u lIskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart.

(f) Ir-regolament 7(2) tar-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Madwar."

25. Din il-Qorti tinnota li ebda wieħed minn dawn id-dispożizzjonijiet ma huwa relevanti għall-għanijiet tal-kawża tal-lum u għalhekk ingħad aktar 'il fuq **li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.41 ma timplimentax għal kollox id-Direttiva**, iżda kif ġie spjegat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Is-Soċjetà The Ramblers' Association of Malta vs. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** mogħtija fl-24 ta' Mejju 2016**, id-Direttiva fuq imsemmija għandha effett dirett:**

"26. Mela biex Direttiva jista' jkollha effett dirett id-disposizzjonijiet tagħha jridu jkunu i. mhux soġġetti għal kondizzjonijiet, ii. biżżejjed preċiżi u iii. maħsuba biex jagħtu drittijiet lil individwi kontra l-istat jew l-organi tiegħu. Irid ikun ukoll għadda inutilment iż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom – fil-każ tad-Direttiva 2003/35 din kellha tiġi implimentata sal-25 ta' Ġunju 2005.

[...]

31. Imiss naraw jekk hemmx l-elementi l-oħra meħtieġa biex id-Direttiva 2003/35 tingħata effett dirett, viz. li d-disposizzjonijiet tagħha i. ma humiex soġġetti għal kondizzjonijiet u ii. huma biżżejjed preċiżi.

32. Fil-fehma tal-qorti d-dritt mogħti taħt id-Direttiva huwa biżżejjed preċiż: dak li jagħti lil persuni interessati aċċess għal rimedju ġudizzjarju "għalbiex jisfida l-legalità sostanzjali jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet" tal-awtoritajiet li jkollhom impatt ambjentali, fosthom għalhekk omissjoni bħal dik li l-atturi jgħidu li hija responsabbli għaliha l-Awtorità konvenuta meta ma ratx li ma jsirx żvilupp mingħajr permess li jiswa.

33. Għalkemm jista' jingħad illi l-ħtieġa illi "dak li jikkostiwixxi interess suffiċjenti u l-indebboliment ta' dritt għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri" tista' titqies bħala kondizzjoni li, fiż-żmien relevanti kienet għadha ma tħarsitx, madankollu, persuni bħal ma hija s-soċjetà attriċi ma jintlaqtux b'dik il-kondizzjoni għax id-Direttiva stess tgħid illi:

»l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-ħtiġiet riferiti fl-Artikolu 1(2) għandu jitqies biżżejjed għall-għan tas-subparagrafu (a) ta' dan l-Artikolu. Dawn l-organizazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet kapaċi li jiġu indebboliti għall-għan tas-subparagrafu (b) ta' dan l-Artikolu.«

34. Dan juri ċar illi l-attriċi għandha "drittijiet kapaċi li jiġu indebboliti" – jew, bil-Malti tajjeb, drittijiet li jistgħu jintlaqtu ħażin – f'materja ambjentali u għandha wkoll l-interess meħtieġ biex ikollha aċċess għal stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil jew l-omissjoni tal-Awtorità konvenuta."

26. Rilevanti wkoll għall-konsiderazzjoni tal-eċċezzjoni in dizamina hija s-sentenza **BirdLife Malta vs. Prim Ministru et** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Marzu 2021:

"Fil-kuntest tal-procediment tal-lum BirdLife tiffigura bhala entita` nongovernattiva illi tahdem sfieq favur il-harsien tal-ambjent. Ghalhekk tgawdi

minn drittijiet illi f`kuntest ta` harsien ambjentali dawn id-drittijiet jistghu jintlaqtu hazin. Konsegwentement, bhala entita` interessata fil-harsien tal-ambjent, BirdLife ghandha l-jedd illi titlob rimedju gudizzjarju dwar stharrig ta` ghemil amministrattiv fi kwistjonijiet illi jolqtu l-harsien ambjentali. Dan huwa proprju dak illi qeghda taghmel BirdLife b`din il-kawza fejn qeghda titlob lill-qorti sabiex tistharreg jekk id-decizjoni li licenzji tal-kacca johorgu taht l-awtorita` tal-Ministru ghal Ghawdex kenitx ghemil konformi mal-ligi vigenti fil-mument tal-hrug tal-licenzji u cioe ma` dak li tahseb ghalih il-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 u l-Att dwar il-Harsien tal-Ambjent Kap 549. Ghalhekk jissussisti l-interess guridiku tal-attrici."[7]

27. Fil-kawża odjerna l-Qorti tqis li BirdLife għandha l-interess ġuridika meħtieġ stante li b'din l-azzjoni dak li qiegħda tħares huwa l-ambjent u qatat tal-għasafar li tallega li qed jonqsu fin-numru b'riżultat ta' nuqqas ta' tħaris tal-provvediment tad-Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi bid-dħul tal-Avviż Legali 116 tal-2022. Birdlife qed tinvoka dritt fil-konfront tal-konvenuti, bħala organi tal-Istat, għaliex għandha l-jedd li bħala għaqda ambjentali tistenna u teżiġi li l-organi tal-Istat Malti josservaw il-liġijiet ambjentali sew dawk nostrani kif ukoll dawk li bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom applikazzjoni diretta fil-ġurisdizzjoni tagħna.

28. Imiss issa li nikkunsidraw it-tieni fergħa tal-eċċezzjoni u cioe' fejn ġie eċċepiet in-nuqqas ta' interess ġuridika fl-attriċi peress li l-mertu ta' dawn il-proċeduri huwa eżawrit in kwantu l-kawża tolqot l-Avviż Legali 116 tal-2022 li fetaħ l-istaġun tal-kaċċa għall-gamiem fir-rebbiegħa mis-17 t'April 2022 sat-30 t'April 2022 nofsinhar. Għal din l-eċċezzjoni BirdLife irribattiet billi spjegat li l-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa tal-gamiem fir-rebbiegħa bi ksur tad-Direttiva isir kull sena. Issottomettiet li "*l-kawza*

[7] Ara wkoll **Il-Kamra tal-Periti et vs. L-Awtorità tal-Ippjanar et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 2022.

*odjerna saret b'referenza mal-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa tas-sena 2022, għax dakinhar kienu ġew fis-seħħ iċ-ċirkostanzi li minnhom qed tilmenta l-għaqda esponenti*"[8].

29. L-attriċi hija korretta meta tissottometti li l-Avviż Legali 116 tal-2022 m'huwiex l-unika wieħed tax-xorta tiegħu. Din il-Qorti tinnota li l-ewwel Avviż Legali tal-istess xorta kien numru 87 tal-2014 (L.S. 549.88). Sussegwentament inħarġu (a) Avviż Legali 77 tal-2016 (L.S. 549.101) li ġie mħassar bl-Avviż Legali 341 tal-2021; (b) Avviż Legali 89 tal-2016 (L.S. 549.102); u (ċ) Avviż Legali 341 tal-2021 (L.S. 549.144). Wara li ġiet intavolata l-azzjoni odjerna inħareġ Avviż Legali 87 tal-2023 (L.S. 549.156) li jittratta wkoll il-kaċċa tas-summien u gamiem fir-rebbiegħa għas-sena 2023. Fit-trattazzjoni BirdLife fissret li għalkemm l-azzjoni attriċi tagħmel referenza għall-Avviż Legali li nħareġ fis-sena 2022, għandu jittieħed in konsidrazzjoni l-fatt li l-Avviż Legali tas-sena 2022 ma kienx ta' l-ewwel u lanqas tal-aħħar għax fil-fatt fis-sena 2023 inħareġ Avviż Legali ieħor ta' din ix-xorta.

30. Dak li l-Qorti trid tikkunsidra huwa jekk il-fatt waħdu li l-effetti tal-Avviż Legali 116 tal-2022 kienu għall-perijodu definit li għadda iwassalx għall-karezza ta' interess ġuridiku fl-attriċi BirdLife Malta.

31. Il-Qorti tqis illi bil-fatt li l-Avviż Legali impunjat kien jipprovdi dwar perijodu definit li beda u spiċċa ma jwassalx għall-anjentament tal-interess ġuridiku fl-attriċi. Kieku dan kien minnu ikun ifisser illi l-aġir tal-intimati hawn impunjat ma jista' jiġi sindakat qatt għaliex huwa magħruf li l-Avviżi Legali li jipprovdu deroga għall-kaċċa tal-gamiem jiġu ppubblikati ftit jiem qabel ma tidħol f'effett id-deroga. *Ad exemplum* l-Avviż Legali 116 tal-2022 ġie ppubblikat fit-8 ta' April, 2022 li stabbilixxa l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem mis-17 ta' April, 2022 sat-30 ta' April, 2022.

---

[8] Fol 992 tal-proċess.

32. Rilevanti s-sentenza **Il-Kamra tal-Periti et vs. L-Awtorità tal-Ippjanar et** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Novembru 2022. Dik il-kawża kienet titratta stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv fejn l-Awtorità tal-Ippjanar kienet awtorizzat ordni għat-twaqqigħ ta' bini allegatament kontra l-liġi. Meta l-azzjoni ġiet intavolata, il-bini kien diġà twaqqa'. Il-konvenut qajjem l-eċċezzjoni li l-atturi ma kellhom ebda interess ġuridiku peress li l-kawża ma setgħet tissarraef f'ebda utilità jew vantaġġ għalihom. Saret is-segwenti konsiderazzjoni fir-rigward:

> "45. Din il-qorti iżda ma taħsibha xejn bħalhom għaliex l-interess tal-atturi ma mietx bil-fatt waħdu li lllum il-binja ġiet imwaqqa'. Kif rajna aktar kmieni, l-interess li nissel fl-atturi l-jedd li jiftħu din il-kawża jinsab mislut mill-fatt, li huma qegħdin jitolbu lil din il-qorti biex tara jekk l-Awtorità tal-Ippjanar imxietx fil-parametri tas-setgħat mogħtija lilha mil-liġi, meta tat l-awtorizzazzjoni lil Enemalta plc biex twaqqa' l-binja. Dan l-interess tal-atturi biex jiġi mistħarreġ jekk l-affarijiet sarux sew għadu hemm, minkejja li l-ordni tat-twaqqigħ tal-binja laħaq ġie mwettaq;
>
> 46. Il-qorti tkun qiegħda tibgħat messaġġ ħażin li kieku kellha taċċetta din l-eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar u ta' Enemalta plc. Tassew mhuwiex xieraq li wieħed jgħid li l-istħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv ma jistax isir, jekk dak l-għemil jilħaq jiġi attwat. Is-setgħa legali mogħtija lill-qorti jew lil kull organu ġudizzjarju ieħor, biex jgħarbel is-siwi legali ta' għemil amministrattiv, għandu jibqa' dejjem miftuħ sakemm l-azzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju ssir fit-terminu li tgħid il-liġi;
>
> [...]

49. [...] Bla mal-qorti tidħol għalissa fuq is-siwi tal-ilment tal-atturi, din il-kawża xorta waħda jista' jkollha l-valur tagħha, minkejja li l-binja llum ġiet imwaqqa'. Li qorti tistabilixxi jekk għemil amministrattiv sarx skont il-liġi jew le jibbenefika lil min ikun qed jitlob dak l-istħarriġ ġudizzjarju, għaliex tajjeb jew ħażin, il-qorti tkun tista' tikkonferma jekk dak li jkun kellux raġun jew le fit-tħassib tiegħu dwar l-illegalità ta' dak l-għemil amministrattiv. Bl-istess mod, azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju hija ta' ġid ukoll lill-istess awtorità amministrattiva għaliex b'dan il-mod hija jkollha l-opportunità sħiħa li tneħħi minn fuqha d-dell tal-illegalità li jkun xeħet fuqha dak li jkun qiegħed jixliha b'għemil ultra vires;

[...]

51. Fiż-żgur imbagħad, l-awtoritajiet governattivi ma jistgħux jinħelsu daqshekk ħafif mill-iskrutinju tal-qorti. Inkella kull awtorità amministrattiva, li ma tkunx trid timxi mal-liġi u/jew li tkun trid tabbuża mis-setgħat tagħha, tagħmel minn kollox biex tiżgura li l-għemil amministrattiv mogħti minnha jiġi mwettaq malajr kemm jista' jkun, ħalli b'hekk taħrab mill-konsegwenza li tinġieb quddiem qorti biex twieġeb għal għemilha. Huwa ovvju, li l-prinċipji tal-governanza tajba ma jkunux jistgħu jitħarsu kif suppost, jekk jitħalla li jsir hekk;

52. Sfiq ma' dan, il-qorti żżid tgħid ukoll li huwa dejjem tajjeb li jitħalla li jkun hemm stħarriġ ġudizzjarju, anke jekk is-sitwazzjoni ma tkunx tista' titreġġa' lura għal dik li kienet qabel it-teħid tal-għemil amministrattiv, għaliex b'dan il-mod ikun jista' jinkixef jekk saritx illegalità. U jekk tinkixef l-illegalità, wieħed jittama li dik l-illegalità ma terġax tiġi mwettqa fil-futur u li l-persuni responsabbli minn dak l-għemil illegali jerfgħu r-responsabbilità politika u amministrattiva tagħhom u jekk meħtieġ anke li jiġu soġġetti għal proċeduri dixxiplinari jew kriminali jekk ikun il-każ;

53. Fi kliem ieħor, din il-qorti ma tistax tagħlaq il-bieb tal-ġustizzja għar-raġuni biss li ddeċiżjoni, li l-atturi qegħdin jgħidu li ttieħdet illegalment, illum ġiet attwata. Fl-interess tas-sewwa u fl-interess ta' kull min għandu tabilħaqq għal qalbu s-saltna tal-liġi, azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandha dejjem titħalla titressaq 'il quddiem anke f'sitwazzjonijiet bħal dawn."

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-konsiderazzjonijiet appena ċitati li japplikaw perfettament għall-każ odjern. Il-liġijiet ambjentali sew nazzjonali kif ukoll dawk ewropej qegħdin hemm fl-interess primarju tal-pubbliku in ġenerali. L-allegazzjoni ta' Birdlife li l-awtoritajiet pubbliċi konvenuti kisru l-liġijiet intiżi għall-protezzjoni ta' ħlejjaq protetti qed tiġi wkoll kontestata mill-konvenuti fil-mertu. Jekk l-allegazzjoni ta' Birdlife għandiex mis-sewwa jew le hija materja li għad trid tiġi investita u deċiża wara li l-Qorti tgħarbel il-provi kollha li ser iressqu il-partijiet. Din il-Qorti ma tqisx fondata l-eċċezzjoni tal-konvenuti illi jekk l-allegat nuqqas da parti tal-konvenuti huwa llum storja tal-passat allura Birdlife hija zvestita milli tadixxi lill-Qorti għal tali dikjarazzjoni dwar l-allegat aġir tal-konvenuti bi ksur tal-liġi ewropea. Bil-fatt biss li prattikament ta' kull sena tqum il-kwistjoni / il-ħtieġa dwar deroga ghal staġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa għall-gamiem u s-summien dawn il-proċeduri għandhom ikunu ta' benefiċju għall-partijiet kollha u mhux biss għall-attriċi.

33. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża et. fejn ġie eċċepiet in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attriċi Birdlife Malta.**

**It-tieni eċċezzjoni – Il-Ministri konvenuti ma humiex legittimi kontradditturi.**

34. Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriza u l-Ministru għal Għawdex qed jilqgħu għall-azzjoni attriċi billi jsostnu li ma

humiex leġittimi kontraditturi u jinvokaw **Artikolu 17 (8) tal-Kapitolu 595 (Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika)** li jipprovdi li l-proċeduri ġudizzjarji għandhom jitmexxew kontra s-Segretarju Permanenti.

35. Dan is-subartikolu jaqra hekk:

> "Is-Segretarju Permanenti jkun ir-rappeżentant ġuridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet ġudizzjarji dwar kull ħaġa li taqa' taħt il-firxa tal-attività tal-Ministeru li għalih ikun assenjat."

36. L-irwol tas-Segretarju Permanenti huwa deskritt f'**Artikolu 17 tal-Kapitolu 595**:

> "(1) Meta, skont l-artikolu 92(2) tal-Kostituzzjoni, Segretarju Permanenti jkollu r-responsabbiltà għas-sorveljanza ta' wieħed jew uħud mid-dipartimenti tal-Gvern li huma elenkati fit-Taqsima I tat-Tieni Skeda, is-Segretarju Permanenti għandu jiżgura li kull dipartiment ikun qed:
>
> (a) jaħdem għat-twettiq fil-ħin u b'mod effettiv, flimkien ma' organizzazzjonijiet oħra tal-Gvern kif meħtieġ, tal-objettivi tal-politika tal-Ministru tiegħu u tal-Gvern;
>
> (b) jitmexxa skont il-liġi, il-valuri tal-amministrazzjoni pubblika, il-Kodiċi ta' Etika, u *policies* u direttivi applikabbli li jirregolaw l-imġiba tal-persunal, it-tmexxija u l-użu ta' riżorsi; u
>
> (ċ) jopera b'mod ekonomiku, effiċjenti u effettiv u joffri servizzi ta' livell sodisfaċenti lill-pubbliku.
>
> (2) Segretarju Permanenti għandu jagħti parir lill-Ministru tiegħu dwar il-ħwejjeġ kollha li jappartjenu lid-dipartimenti taħt is-sorveljanza tiegħu.

(3) Fil-qadi ta’ dmirijietu taħt is-subartikolu (1), Segretarju Permanenti jista’ jagħti direzzjonijiet u joħloq miri għal kap ta’ dipartiment dwar kull ħaġa, u għandu jissorvelja u jevalwa l-ħidma tal-kap tad-dipartiment fir-rigward ta’ dawk id-direzzjonijiet u miri:

Iżda Segretarju Permanenti ma jistax jagħti direzzjonijiet jew joħloq miri għal kap ta’ dipartiment fuq ħwejjeġ fejn il-kap ikun meħtieġ b’xi liġi li jaġixxi b’mod indipendenti jew skont id-direzzjoni ta’ persuna jew awtorità oħra barra minn Ministru.

[...]

(6) Meta Segretarju Permanenti jkollu r-responsabbiltà għas-sorveljanza ta’ wieħed jew uħud mid-dipartimenti elenkati fit-Taqsima II tat-Tieni Skeda, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu mingħajr ħsara għal-limitazzjonijiet li ġejjin:

(a) is-subartikoli (1)(a) u (2) ma għandhomx japplikaw; u

(b) is-subartikolu (5) għandu japplika biss safejn ikun kompatibbli mal-paragrafu (a).

(7) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(2), is-Segretarju Permanenti għandu jitqies li jkollu s-setgħat ta’ kap ta’ dipartiment fir-rigward tal-Ministeru li għalih ikun assenjat is-Segretarju Permanenti.”

37. Imkien dan l-artikolu ma jipprovdi li s-Segretarju Permanenti huwa responsabbli għal promulgazzjoni tal-liġi sussidjarja. Huwa ben saput li huwa l-Ministru li jippromulga leġislazzjoni sussidjarja kif delegat li jagħmel mill-Parlament. Għaldaqstant l-Artikolu 17 (8) tal-Kapitolu 585 kif ukoll għal kull buon fini l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12

m'humiex applikabbli għall-każ odjern. Ġaladarba l-Avviż Legali 116 tal-2022 kien eżerċizzjoni tal-Ministri konċernati, il-Ministri huma leġittimi kontraditturi.[9]

38. In oltre din il-Qorti tqis ukoll li ai termini tal-**Leġislazzjoni Sussidjarji 549.57 (Regolamenti dwar qafas biex tiġi permessa deroga li tiftaħ l-istaġun għall-kaċċa tal-gamiem u summien fir-Rebbiegħa)** b'mod partikolari Regolament 3 jippreċiża li **hija deċiżjoni tal-Ministru li jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa:**

> "3. Għall-finijiet tat-tieni proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-kaċċa fuq il-gamiema u s-summiena, aktar 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejjaħ "l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa", għandu jkun massimu ta' tlett ġimgħat, u li jistgħu jinbdew jew minn Marzu jew minn April tas-sena li dwarha l-Ministru jista' jiddeċiedi li jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa permezz ta'avviż fil-Gazzetta:
>
> Iżda l-Ministru ma għandux jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa meta l-kaċċa għaż-żewġ speċi konċernati matul l-istaġunta l-kaċċa matul il-Ħarifa ta' qabel tista' tiġi kunsidrata bħala li tkun ikkostitwiet soluzzjoni sodisfaċenti skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, u meta jitqiesu l-limiti stabbilit fl-Anness I:
>
> Iżda wkoll, meta jkun qed jistabbilixxi kemm għandu jdum l-Istaġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa, il-Ministru għandu wkoll iqis id-daqs tal-kwota komplessiva li għandha tkun permessa għal dik id-deroga partikolari tal-kaċċa fir-Rebbiegħa, u jista' wkoll jiddeċiedi jekkgħandu jistabbilixxi il-kwota komplessiva għal kull ġurnata għal kull liċenzja u l-kwota komplessiva għall-istaġun għal kull liċenzja permissibbli għal dak l-istaġun partikolari tal-kaċċa fir-Rebbiegħa."

[9] Ara **l-Avukat Dr. James Scicluna noe vs. Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-25 ta' Mejju 2023 liema sentenza titratta deċiżjoni meħuda direttament mill-Ministru.

39. **L-Avviż Legali 116 tal-2022 li Birdlife Malta qed timpunja permezz tal-kawża odjerna jibda billi jipprovdi illi: "BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u wara konsultazzjoni mal-Awtorita'................" għamlu r-regolamenti hemm promulgati. Huma l-Ministri konvenuti illi testwalment għamlu r-regolamenti promulgati bl-Avviż legali impunjat fil-kawża odjerna u għalhekk din il-Qorti ma tarax kif tista' tqis lill-Ministri konvenuti mhux leġittimi kontradditturi.** (sottolinear tal-Qorti).

40. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża et.**

**It-tielet eċċezzjoni – inapplikabbilità tal-Artikolu 32 (2) tal-Kapitolu 12**

41. B'referenza għall-Artikolu 32 (2) tal-Kapitolu 12, il-konvenuti (salv l-Awtorità) jikkontendu fin-nota ta' sottomissjonijiet li dan l-artikolu japplika meta liġi sussidjarja issir b'mod *ultra vires*. Jikkontendu wkoll li jeżisti rimedju ieħor li skond il-konvenuti l-attriċi kellha tirrikorrih għalih minflok il-kawża odjerna. Qed jirreferu għall-*actio popolaris* ai termini tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni.

42. Fir-rigward ta' din l-eċċezzzjoni, l-attriċi ssottomettiet li l-qrati għandhom il-*vires* li jistħarrġu jekk atti humiex konformi ma' liġijiet ambjentali jew le inkluż għalhekk l-leġislazzjoni sussidjarja bħal ma hu l-Avviż Legali 116 tal-2022. Spjegat li hija ma rrikoritx għal *actio popolaris* għaliex kemm L.S. 549.42 kif ukoll l-Avviż Legali 116 tal-2022 huma strumenti legali fl-istess livell tal-ġerarkija tan-normi għax it-tnejn huma avviżi legali.

43. **Artikolu 32 (2) tal-Kapitolu 12** jipprovdi :

> "(2) Il-Qorti Ċivili taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom."

44. Min-naħa l-oħra **Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi:

> "Dritt ta' azzjoni għal dikjarazzjoni li xi liġi tkun invalida għal xi raġunijiet ħlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 ta' din il-Kostituzzjoni tkun tappartjeni lill-persuni kollha mingħajr distinzjoni u persuna li ġġib azzjoni bħal dik ma tkunx meħtieġa turi xi interess persunali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha."

45. Il-ġurisprudenza ewlenija dwar il-proċedura ġudizzjarja sabiex tiġi attakkata liġi sussidjarja hija s-sentenza **Liquigas Malta Ltd vs. Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-30 ta' Marzu 2022:

> "22. Din il-Qorti pero` ma taqbilx illi liġi sussidjarja tista' tiġi sindikata biss mill-Qorti Kostituzzjonali taħt l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni u li l-eżistenza ta' dan l-artikolu tal-liġi tfisser li m'hemm l-ebda mod ieħor kif tista' tiġi mpunjata liġi sussidjarja. Fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqas ta' aderenza mal-liġi ordinarja, hjia sindikabbli wkoll mill-Qrati ordinarji. <u>Il-Qorti tqis li lment bħal dak imressaq mis-soċjeta` attriċi jista' jiġi mistħarreġ mill-Qrati ordinarji a bażi tal-Artikolu 32(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jvesti fihom poteri residwali fejn il-liġi ma tipprovdix mezz idoneju u effettiv ta' rimedju</u>.[10] F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-22 ta' Settembru, 2021,

---
[10] Sottolinear tal-Qorti.

fl-ismijiet **Dina Abraham Tekie v. L-Avukat Ġenerali illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat** fejn dwar is-sindikabbilita` tas-siwi ta' liġijiet sussidjarji ntqal hekk:

> "Illi l-Qorti tqis li huwa fis-setgħa tagħha li tara jekk kemm-il darba xi provvediment li għandu s-saħħa ta' liġi nħariġx sewwa mill-awtorità mogħnija bis-setgħa li tagħmlu. Dan ifisser li l-eżami jrid isir kemm dwar il-persuna li tkun għamlet xi liġi bħal dik u kif ukoll dwar jekk il-persuna li kienet mogħtija s-setgħa li tagħmel liġi bħal dik baqgħetx fil-limiti ta' dik is-setgħa jew marritx lil hinn minnhom. Fil-każ ta' leġislazzjoni sussidjarja, il-Qorti trid dejjem tkejjel is-setgħat tal-awtorita` li tagħmel liġi sussidjarja mas-setgħat li jkunu ngħataw fil-liġi ewlenija għaliex huwa minn din il-liġi li l-awtorità tingħata 'delega' biex toħroġ liġijiet sussidjarji;
>
> Illi f'każijiet bħal dawn, il-Qorti għandha s-setgħa li tistħarreġ is-siwi ta' leġislazzjoni bħal dik, mhux bis-setgħat mogħtijin lilha fl-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva skond l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda taħt is-setgħat ta' stħarriġ usa' li jagħtiha l-Artikolu 32(1) tal-istess Kodiċi. In-nuqqas ta' tismija min-naħa tal-attriċi ta' dan l-artikolu ma jġibx nuqqas ta' siwi tal-azzjoni tagħha u l-azzjoni, kif imfassla, ma fiha l-ebda kontradizzjoni u lanqas l-imħarrek ma nġab f'qagħda li ma setax jiddefendi l-każ tiegħu;"

23. Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament u tqis illi l-bran ċitat jirrappreżenta l-pożizzjoni korretta dwar il-poter tal-qrati ordinarji li jissindikaw il-validita` ta' liġijiet sussidjarji."

46. Applikata din il-ġurisprudenza għall-fattispecie tal-każ odjern, din il-Qorti ssib illi t-tielet eċċezzjoni in dizamina ma hiex fondata in kwantu l-validità ta' liġi sussidjarja

tista' tiġi sindikata mhux biss mill-Qorti Kostituzzjonali taħt l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni iżda wkoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taħt l-Artikolu 32 (2) tal-Kapitolu 12. Il-Qorti għalhekk issib illi l-attriċi Birdlife Malta għandha l-jedd li timpunja liġi sussidjara quddiem il-qrati ordinarji bis-saħħa tal-Artikolu 32 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**47. Għaldaqstant qed tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża et.**

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, tal-Ministru għal Għawdex, tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru ta' Għawdex u tal-Avukat tal-Istat billi,

1. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni stante li qed issib li l-attriċi Birdlife Malta għandha l-interess ġuridiku tintavola l-kawża odjerna;

2. **Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni stante li qed issib illi sew il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża kif ukoll il-Ministru għal Għawdex huma leġittimi kontradittturi fil-kawża odjerna;

3. **Tiċħad** it-tielet eċċezzjoni stante li qed issib illi bis-saħħa tal-Artikolu 32 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attriċi Birdlife Malta għandha l-jedd tadixxi l-qrati ordinjari sabiex timpunja liġi sussidjara.

**Spejjeż** ta' din is-sentenza *in parte* a karigu tal-konvenuti li resqu l-eċċezzjonijiet hawn deċiżi.

**Tordna** l-prosegwiment tas-smiegħ tal-kawża.

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**

27 ta' Settembru, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**